**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 19 ta` Frar 2019**

**Rik. Nru. 772/2014 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija P. Buffa & Co. Limited (C9907) li kienet xjolta bi provvediment ta` l-Prim`Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta` Jannar 2015**

**Dan huwa provvediment <u>finali</u> (a) dwar il-pregradwazzjoni tal-krediti proposta mill-istralcjarju, (b) dwar l-iskema ta` distribuzzjoni proposta mill-istralcjarju, u (c) dwar l-gheluq tal-istralc.**

**Il-Qorti :**

**I. <u>In-nota ta` l-istralcarju tas-6 ta` Dicembru 2018</u>**

L-istralcjarju stabilixxa li l-kredituri tal-kumpannija huma :

a) il-Kummissarju tat-Taxxi ; u
b) Catherine Grech Mallia.

Indika wkoll l-quantum tal-krediti.

**a) <u>Kummissarju tat-Taxxi</u>**

Il-kreditu jirrigwarda taxxa fuq id-dhul.

Hemm figura determinata bhala certa fl-ammont ta` **<u>€8,818</u>** ghal taxxa dovuta bejn is-snin 1999 u l-2002.

Dan huwa kreditu li jippregradwa skont l-Art 23(11) tal-Kap 372.

Ghas-snin ta` wara huma dovuti penali u nteressi, ammonti dawn li m`ghandhomx sahha ta` pregradwazzjoni fuq krediti ohra.

**b) <u>Catherine Grech Mallia</u>**

Hija kreditrici kanonizzata tal-kumpannija xjolta fl-ammont ta` **<u>Lm 13,675.02</u>** bis-sahha ta` sentenza (li ghaddiet in gudikat) li kienet moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta` Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Catherine Grech Mallia vs P. Buffa & Co. Limited</u>**" (Citaz. Nru. 1531/1996 RCP)

B`linja ta` hsieb li tirrizulta fin-nota, l-istralcjarju jghid li Catherine Grech Mallia ma tippregradwax sabiex tithallas lanqas parti mill-fondi tal-kumpannija fil-pussess tieghu.

Lanqas ma hija kreditrici ipotekarja.

**c)** **L-attiv**

Fil-pussess tieghu, l-istralcjarju ghandu l-ammont ta` **€7,136.98** li huma flus tal-kumpannija.

**d)** **Pregradwazzjoni**

Billi l-passiv tal-kumpannija jaqbez l-attiv, l-istralcjarju ppropona li l-pregradwazzjoni tal-krediti ghandha tkun kif gej :-

**L-ewwel grad** :

l-ispejjez tal-istralcjarju

**It-tieni grad** :

l-ispejjez gudizzjarji

**It-tielet grad** :

Id-dritt tal-istralcjarju

**Ir-raba` grad** :

Il-paga tal-impjegati

**Il-hames grad** :

It-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**II.** **In-nota ta` Catherine Grech Mallia tas-17 ta` Jannar 2019**

Catherine Grech Mallia qeghda tikkontesta kemm il-konteggi kif ukoll il-pregradwazzjoni tal-istralcjarju.

Tikkontendi li skont l-istralcjarju *hija biss is-somma ta` €1,891.15 (minn somma ferm ikbar) li hija komposta minn salarji dovuti mis-socjeta` xjolta lill-esponenti, li tista` tippregradwa l-ammonti dovuti mis-socjeta` xjolta lill-Kummissarju tat-Taxxi.*

Taghmel referenza ghas-sentenza fuq citata tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta` Mejju 2001.

Tghid illi l-ammont originarjament dovut lilha mill-kumpannija kien ta` **<u>Lm 28,012.52</u>**.

Tghid li thallset ammont ta` **<u>Lm 7,737.50</u>** u ammont iehor ta` **<u>Lm 6,600</u>**.

B`hekk l-ammont dovut lilha kien ta` **<u>Lm 13,675.02.</u>** Dan huwa l-ammont li, skont is-sentenza, il-kumpannija kienet ikkundannata thallas lil Catherine Grech Mallia.

Meta pprezentat il-*proof of debt form* lill-istralcarju, indikat il-figura ta` **<u>€46,666</u>** li kienet tinkludi s-sorte skont is-sentenza, flimkien mal-imghax relattiv sad-data tax-xoljiment tal-kumpannija.

Fin-nota taghha, il-kreditrici ghamlet is-sottomissjonijiet taghha *dwar kif kellhom jigu applikati s-somom li hija thallset mis-socjeta` xjolta akkont tad-dejn originali ta` Lm 28,012.52.*

**<u>Fis-sostanza</u>**, dak li tghid Catherine Grech Mallia huwa l-ammont ta` Lm 14,337.50 (i.e. Lm 7,737.50 + Lm 6,600) li thallset kienu ghal kirja u ghal ammonti li sborsat favur il-kumpannija mhux bhala salarji. B`hekk l-ammont ta` Lm 8,549.37 dovut bhala salarji, ghalkemm kompriz fil-figura ta` Lm 13,675.02, baqa` ma thallasx. In sostenn ta` dan ghamlet referenza ghall-atti tal-kawza Citaz. Nru. 1531/1996 RCP.

**III. In-nota ta` Nadine de Conti Manduca tat-22 ta` Jannar 2019**

Tirrileva li l-pretensjoni li Catherine Grech Mallia ghamlet fin-nota taghha kien messha saret meta ressqet it-talba taghha lill-istralcjarju fil-waqt opportun mhux wara li ppropona l-iskema ta` distribuzzjoni.

Tghid li d-dokumenti li pprezentat il-kreditrici man-nota taghha huma provi godda.

Tosserva li l-ammont pretiz mill-kreditrici ma jgawdi minn ebda privilegg ghall-hlas qabel krediti ohra.

Dwar l-iskema ta` distribuzzjoni proposta mill-istralcjarju, tirrimetti ruhha.

**IV. In-nota ulterjuri tal-istralcjarju tat-12 ta` Frar 2019**

L-istralcjarju pprezenta nota ulterjuri biex iwiegeb ghall-osservazzjonijiet ta` Catherine Grech Mallia.

Jaccetta li l-kreditu taghha jammonta ghal €31,854.22.

Jirrileva li huwa sejjah zewg laqghat tal-kredituri tal-kumpannija xjolta fejn il-kredituri u l-krediti taghhom kienu approvati mill-kredituri prezenti, inkluz Catherine Grech Mallia.

Ikkonferma li l-*proof of debt form* kompletata li pprezentat il-kreditrici man-nota taghha hija dik li waslet ghandu.

Il-kostatazzjonijiet li ghamel fin-nota tieghu kienu jinkludu taghrif mghoddi lilu mill-kreditrici.

Josserva li l-kreditrici giet `il quddiem b`taghrif dwar dritt ta` preferenza li tikkontendi li ghandha, senjatament is-salarji, lejn l-ahhar tal-istralc, mhux fl-istadju tat-tfassil tal-*proof of debt form* jew fil-laqghat tal-krredituri jew fl-kors tal-udjenzi tal-istralc quddiem il-Qorti.

Jissottometti li l-Qorti ghandha taghti konsiderazzjoni biss ghal dak it-taghrif li wasal ghandu minghand il-kreditrici fiz-zmien li kien rikjest minnu, mhux fi stadju tant tardiv u noltrat tal-procediment.

Daqstant bhala metodu.

L-istralcjarju jikkontesta **wkoll** is-sottomissjonijiet tal-kreditrici fuq il-mertu taghhom.

B`riferenza ghas-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 1531/96 RCP, jirrimarka illi l-Qorti *gabret id-djun kollha, li kienu ta` natura differenti, u li skont dik il-Qorti gew ippruvati, naqqset il-hlasijiet li dik il-Qorti dehrilha li ghandhom jitnaqqsu, u harget b`ammont wiehed, sfortunatament minghajr ma specifikat liema djun kienu qed jinqaghu bl-ammonti li thallsu.*

Isostni li huwa setax jissostwiwixxi ruhu ghal dak li nghad fis-sentenza.  Il-Qorti *ma kkonkludietx dwar kif kienu applikati l-hlasijiet li saru, u ghaldaqstant l-esponenti ma jistax jilqa`dawk li huma xejn hlief allegazzjonijiet tal-kreditrici dwar liema djun kellhom jinqatghu mill-hlasijiet li kienu qed isiru.*

Irriafferma l-pregradwazzjoni proposta fin-nota tieghu tas-6 ta` Dicembru 2018.

Jikkonferma li l-unici privileggjati huma l-pagi i.e. Lm 8,549.37 (31/05/1993 sa 30/11/1995).  Il-bqija tal-krediti ta` Catherine Grech Mallia mhux privileggjati.

Jikkontesta li *d-dejn li nqata` bil-hlasijiet li saru … ma kienx id-dejn konsistenti f`pagi dovuti lilha.*

Ghalhekk il-kreditu mhux imhallas tal-kreditrici mhuwiex munit bi privilegg.

## V. Dritt

Fit-test bl-Ingliz,

**L-Art 239** tal-Kap 386 ighid **:-**

**…**

*(3) The liquidator may apply to the court for directions in relation to any particular matter arising under the winding up.*

*(4) If any person is aggrieved by any act or decision of the liquidator, that person may apply to the court and the court may confirm, reverse or modify the act or decision complained of, and make such order on the matter as it thinks just.*

Imbaghad,

**L-Art 255** ighid :-

*The court may fix a time or times within which creditors are to prove their debts or claims or are to be excluded from the benefit of any distribution made before those debts are proved.*

## VI. Konsiderazzjonijiet

Wara li kumpannija tigi xjolta, u sakemm tigi stralcjata, tkun trid issir ir-realizzazzjoni ta` l-assi u l-hlas tal-passivita`, segwita, jekk ikun il-kaz, minn distribuzzjoni bejn l-azzjonisti ta` dak li jkun baqa`.

Ikun hemm lok ghall-estinzjoni ta` kumpannija jew meta tigi konkluza d-distribuzzjoni, jew meta ma jkun hemm xejn x`jitqassam bejn l-azzjonisti.

F`dan il-kuntest, il-funzjoni tal-istralcjarju ta` kumpannija dixxjolta huwa li *inter alia* jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta`, jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta` mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonijiet ta` gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta` distribuzzjoni ta` l-attiv, u jahseb ghat-tqassim meta l-pjan ikun approvat.

Dan premess, mhuwiex kontestat illi l-assi tal-kumpannija realizzati mill-istralcjarju jammontaw ghal **€7,136.98c**.

Dwar in-nota li pprezentat Catherine Grech Mallia, l-istralcjarju jirrileva li *t-taghrif* (kliem l-istralcjarju) li hemm indikat kien messu kien mghoddi lilu ferm qabel id-data tal-prezentata tan-nota.

Min-naha taghha, Nadine de Conti Manduca tqis bhala *provi* (kliemha) godda dak li rrizulta fin-nota ta` Catherine Grech Mallia.

**Il-posizzjoni ta` l-istralcjarju u ta` Nadine de Conti Manduca mhijiex kondiviza mill-Qorti.**

Id-dokumenti prezentati man-nota ta` Catherine Grech Mallia ma jikkostitwixxi xejn gdid izda jaghmlu parti mill-atti tal-kawza Citaz. Nru. 1531/96 RCP, atti li huma pubblici u accessibbli ghal kulhadd, inkluz ghall-istralcjarju u ghal Nadine de Conti Manduca.

Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku ma kienux, kull *taghrif* jew *prova* tista` tingieb `il quddiem sad-data li fiha l-Qorti taghti l-provvediment taghha fejn tapprova, tvarja jew tirrespingi l-iskema ta` distribuzzjoni proposta mill-istralcjarju.

Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax illi xi parti jew l-istralcjarju talbu lill-Qorti sabiex timponi terminu jew termini skont l-Art 255 tal-Kap 386.

*Del resto* lanqas il-Qorti ma dehrilha li kellha ghalfejn timpani terminu *ex ufficio* minghajr l-icken senjalazzjoni minn hadd.

Daqstant dwar metodu.

**Dwar il-mertu tal-lanjanza ta` Catherine Grech Mallia, mhijiex kondiviza minn din il-Qorti l-fehma tal-istralcjarju li mis-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 1531/96 RCP ma tistax tasal ghal liema partiti mill-pretensjoni ta` l-kreditrici jorbtu mal-ammont kanonizzat.**

Il-Qorti mhijiex sejra oltre minn dak li jirrizulta fis-sentenza.

Abbazi tal-premessi tac-citazzjoni, l-ammont originali kien ta` **Lm 28,012.52** maqsum hekk :

Lm 8,549.37 (salarji) +

Lm 15,388.08 (self bi spejjez relattivi u konnessi kif ukoll kummissjoni) +

Lm 3,945 (kirja) +

Lm 130.07 (telefon).

Fil-premessi jinghad illi thallsu **Lm 11,337.50** bhala akkont sabiex b`hekk kien fadal bilanc ta` **Lm 16,675.02c**. Ta` dawn talbet li tkun kanonizzata kreditrici.

Fil-kors tal-kawza, irrizulta ppruvat li l-attrici kienet thallset **Lm 14,337.50** u cioe` l-ewwel, ammont ta` **Lm 7,737.50,** imbaghad ammont iehor ta` **Lm 6,600**. B`hekk l-ammont kanonizzat bis-

sentenza kien ta` **<u>Lm 13,675.02</u>**. Dan irrizulta mill-affidavit tal-attrici mhux kontradett mill-kumpannija.

Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghamlet *inter alia* din il-konsiderazzjoni :-

*Illi dwar l-ammont ta' pagamenti li saru mis-socjeta' konvenuta lill-attrici meta wiehed ihares lejn l-affidavit spjegattiv jirrizulta li l-istess* attrici *qed issostni li hija thallset l-ammont ta' Lm3,487.50 indikat f'Dok. "F" a fol. 16 tal-process, l-ammont ta' Lm6,600, u Lm1,250 b'kollox Lm7,850 indikati f'pagna 1 tad-Dok. "CSD1" a fol. 71 tal-process, oltre Lm3,000 bhala kirjiet tal-flat 6 u 7 ghall-perjodi hemm indikati li rcieviet fil-mori tal-kawza, indikati f'pagna 2 tal-istess Dok. "CSD 1" a fol. 72 tal-process li jwasslu ghas-somma ta' Lm 14,337.50, u li allura jikkonfermaw l-ammonti imhallsa mis-socjeta' konvenuta skond l-konteggi fuq indikati, li meta jitnaqqsu mis-somma pretiza mill-attrici fic-citazzjoni taghha dawn ihallu bilanc ta' Lm13,675.02.*

**Ghal din il-Qorti, minn <u>imkien</u> ma jirrizulta mis-sentenza de qua li l-hlas ta` Lm 14,337.50 kien jinkludi s-salarji.**

**Anzi din il-Qorti <u>teskludi</u> li sar hlas ta` salarji.**

**Din il-Qorti ssostni l-principju li m`ghandhiex tkun marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` l-istralcjarju kontra l-konvinzjoni taghha.**

**Ghalkemm tghid li l-istralcjarju ghamel l-almu tieghu sabiex jaqdi tajjeb il-funjzonijiet tieghu, fl-istess waqt din il-Qorti jidhrilha li ghandha tiddipartixxi mill-fehma tal-istralcjarju mhux daqstant fid-determinazzjoni tal-attiv u l-passiv tal-kumpannija izda fejn si tratta tat-tqassim tal-attiv tal-kumpannija.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi hekk :-**

**Relattivament ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, tordna illi mill-pregradwazzjoni tal-attiv tal-kumpannija, ghandhom jigu eskluzi l-ispejjez u r-rimunerazzjoni tal-istralcjarju, billi fil-provvediment taghha tad-29 ta` Jannar 2015, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ordnat, bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, illi l-ispejjez ta` dan il-procediment kif ukoll l-ispejjez tal-istralc ghandhom jithallsu minn Nadine de Conti Manduca, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali fil-vesti tieghu ta` stralcjarju.**

**Tordna li l-attiv fl-ammont ta` €7,136.98 ghandu jithallas :-**

**F<u>l-ewwel grad</u>**

**lil Catherine Grech Mallia <u>limitatament</u> ghall-ammonti li huma privileggjati skont id-disposizzjonijiet tal-Att tal-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap 135 tal-Ligijiet ta` Malta).**

**Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta) [indikati mill-istralcjarju] ma jghoddux ghall-kaz tal-lum billi l-pagi li baqghu ma thallsux lil Catherine Grech Mallia kienu jmorru lura ghal zmien meta l-Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta ma kienx ghadu gie fis-sehh.**

**<u>Fit-tieni grad</u>**

**lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal taxxa dovuta.**

**Wara li jsiru dawn il-hlasijiet, ma jkunx hemm mnejn jithallsu l-krediti mhux privileggjati.**

**Ghalhekk –**

**Tordna lill-istralcjarju sabiex jiffinalizza d-distribuzzjoni skont dan il-provvediment fi zmien erba` gimghat mil-lum.**

**Tordna li fl-gheluq ta` tmien gimghat mil-lum, l-istralcjarju jkun mehlus mill-hatra tieghu u l-affarijiet tal-kumpannija P. Buffa & Co. Limited (C9907) jitqiesu bhala stralcjati ghal kollox.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex f`gheluq ghaxar gimghat mil-lum, jibghat ghar-registrazzjoni lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu, kif ukoll l-ordni ta` thassir mir-Registru tal-Kumpanniji tal-kumpannija P. Buffa & Co. Limited (C9907).**

**Tordna li l-isem tal-kumpannija P. Buffa & Co. Limited (C9907) ghandu jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett minn tnax-il gimgha mil-lum.**

**Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dan l-ordni.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**